# M I N U T I

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana

### It-Tmien Leġiżlatura

### Laqgħa Numru 35

11 ta' Ġunju 2021

Il-ħamsa u tletin (35) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju 2021 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

Preżenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

Skużati:-

Membri tal-Pubbliku 0

Uffiċjal preżenti :-

Malcolm Agius Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

35.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

35.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

35.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

35.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-erbgħa u tletin (34) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

35.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 34.8.5 li għandha taqra "l-istatwa tal-ġebel". Il-Kunsill approva.

35.2.3. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, VB, DSH, GD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

35.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 34.2.9 rigward l-isleeping policeman fit-Telgħa tal-Kurċifiss, Triq il-Kapuċċini u Triq San Franġisk. Is-Sindku DSH wieġbet li l-Kunsill kien għadda l-informazzjoni lil Transport Malta, filwaqt li l-Perit kien ipprovda s-siteplan. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill kien issottometta kollox iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

35.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 34.8.1 rigward il-konsultazzjoni tat-tankijiet taż-zejt fil-Marsa. Is-Sindku qalet li hi kienet tinsab informata li l-Kunsill Lokali tal-Marsa kien ser jagħmel environmental impact assessment u għalhekk kienet tal-opinjoni li l-Kunsill jistenna l-eżitu ta' dan l-assessment. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill għandux u jekk le, jistax, jagħmel kuntatt mal-ministeru konċernat. Is-Sindku wieġbet li jkun aħjar jekk il-Kunsill jibqa' in kuntatt mal-Kunsill tal-Marsa ġaladarba dawn kienu diġà qegħdin jikkomunikaw mal-ministeru konċernat huma.

35.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 34.8.4.1 rigward is-sinjali ta' Triq San Tumas u l-istop sign ta' ħdejn l-iskola u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Huwa staqsa jekk tistax tal-anqas issir it-tabella mal-ħajt qabel ma jseħħ xi inċident. Il-Kunsillier VB qal li t-tabella għandha ssir għax dik tneħħiet għax kienet maħruqa. Il-Kunsillier JAE qal li għandna ninsistu li din titwaħħal f'qasir żmien. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jinforma lill-ħaddiem manwali sabiex jieħu ħsieb li din titwaħħal malajr kemm jista' jkun.

35.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 34.8.6 u staqsa dwar il-kotba li kellhom jitqassmu lit-tfal tal-iSkola Primarja. Is-Sindku qalet li wara laqgħa tal-Kunsill Skolastiku, kienet tkellmet mas-Surmast u nfurmatu li kienu ser jgħaddulu l-kotba biex jitqassmu.

35.2.8. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 34.3.5.3 u staqsa jekk kienx sar kuntatt mal-Health Centre dwar il-kameras tas-sigurtà. Is-Sindku qalet li qabel twieġeb għal dan xtaqet tressaq korrispondenza mibgħuta mill-Health Centre.

35.2.8.1. Hija qalet li fil-korrispondenza, huma kienu lmentaw dwar il-kwantità kbira ta' skart li qed jitħalla quddiemhom u talbu li ssir skip ftit il-bogħod mill-Health Centre.

35.2.8.2. Is-Sindku qalet li hi tħossha urtata mhux biss għall-fatt li xi residenti igezzu l-iskart hemmhekk iżda anke minħabba l-fatt li parti mil-boroż li jitħallew ikunu tal-ispiżerija jew tal-health centre stess.

35.2.8.3. Hija qalet li kienet ġibdet l-attenzjoni lil min bagħat il-korrispondenza dwar dan il-fatt minħabba li jkun hemm boroż immarkati b'D.H, li anke dehru f'ritratti li kienet ħadet hi stess.

35.2.8.4. Żiedet tgħid li ma taħsibx li għandhom jiktbu lill-Kunsill meta lanqas min-naħa tagħhom stess ma kienu qed isegwu l-istruzzjonijiet.

35.2.8.5. Is-Sindku qalet li minkejja dan, il-problema tal-iskart hija rikorrenti, u s-soluzzjoni kienet li titwaħħal kamera tas-sigurtà sabiex taqbad dawn l-abbużi.

35.2.8.6. Is-Sindku qalet li madankollu tifhem ukoll il-problema tal-kollettur tal-iskart li ma jkunx jista' jibqa' dieħel sa ġewwa nett biex jiġbor il-boroż u li x'imkien iridu jinġemgħu.

35.2.8.7. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx li għandha titpoġġa skip minħabba li mill-esperjenza, dawn jiġġeneraw iktar skart u abbuż. Minflok il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-amministrazzjoni tal-health centre sabiex jassistu lill-Kunsill fl-installazzjoni ta' kamera tas-sigurtà billi jipprovdu l-aċċess għall-internet u spazju biex jinżamm id-DVR.

35.2.9. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 34.5 fejn xtaq jgħid prosit tal-vidjos li ġew imtellgħin bħala parti mill-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

35.2.9.1. Is-Sindku ingħaqdet mal-Kunsillier VB u rringrazzjat lill-Viċi Sindku GD tal-ħidma tagħha u tal-mod professjonali li bih ġew imtellgħin dawn il-vidjos.

35.2.9.2. Hija qalet li dawn kienu ntlaqgħu tajjeb ħadna u tittama li fil-ġranet li jmiss il-Kunsill ikompli jiċċirkola dawn il-vidjos.

35.2.9.3. Il-Kunsillier JAE qal li dawn kienu ġew ippubblikati fuq il-paġni soċjali tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandhom jittellgħu ukoll il-links t'aċċess għalihom fuq il-website tal-Kunsill.

35.2.10. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għall-materja nru 34.8.2 dwar iż-żabra tas-siġar fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Huwa qal li kien tkellem mal-kuntrattur li nformah li x-xogħol kien waqaf minħabba li kien inqalalgħom xi xogħol ieħor. Huwa qal ukoll li l-kuntrattur kien informah li s-siġar ma setgħux jinqatgħu kollha iżda jiġu biss miżbura. Il-Kunsillier VB informa li kien informah biex jekk possibbli, jitħalla spazju bejn siġra u oħra meta tkun qed issir iż-żabra.

## 35.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

35.3.1. Is-Sindku DSH proponiet li bħalma jsir ta' kull sena, jerġgħu jibdew jinħaslu l-bankini li huma milquta mill-problema tal-ħamiem. Il-Kunsill qabel.

35.3.2. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa mar-rappreżentant tal-Active Media Enterprises. Hija spjegat is-sitwazzjoni kurrenti dwar din il-materja. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jmexxi mal-ewwel kumpanija filwaqt li jsir tentattiv sabiex jiltaqa' mat-tieni kuntrattur biex din il-materja tiġi finalment riżolta.

35.3.3. Is-Sindku ressqet Ċirkolari mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bin-numru 2021/47 dwar kontroll ta' ħamiem selvaġġ permezz ta' sterilizzazzjoni. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

35.3.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-Surmast tal-iSkola Primarja fejn talab li jsiru spikes biex ibegħdu l-ħamiem minn fuq il-faċċata tal-iskola u jekk il-Kunsill jikkunsidrax li jsir eżerċizzju fuq il-bejt tal-iskola. Is-Sindku qalet li kienet informatu li l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel l-ispikes mad-dawra kollha tal-iskola.

35.3.4.1. Is-Sindku nformat ukoll li minħabba xi ċirkostanzi, is-servizz mogħti mil-kuntrattur tal-ħamiem f'Balzunetta kien ġie interrott. Il-Kunsill iddiskuta diversi postijiet li jistgħu jiġu kkunsidrati biex jerġa' jingħata s-servizz mil-kuntrattur. Wara d-diskussjoni, il-Kunsill qabel fuq il-bejt tal-iskola sabiex tinstab alternattiva f'Balzunetta. Il-Kunsillier VB qal li għandu jkellem ukoll resident f'Balzunetta sabiex jara jekk ikunx lest jagħti aċċess għall-bejt tiegħu.

35.3.4.2. Fir-rigward tal-ispikes, il-Kunsill qabel li għandu jivverifika jekk dawn jistgħux isiru legalment u jekk iva, jekk humiex vijabbli għall-Kunsill finanzjarjament. Il-Kunsill qabel li għandu jivverifika iżda nel frattemp jitlob xi kwotazzjonijiet għal dan.

35.3.5. Is-Sindku ressqet talba mingħand ir-residenti ta' Triq Vilhena fejn talbu li jsiru linji sofor mal-ħitan fit-triq minħabba li l-vetturi kienu qed jipparkjaw mal-bieb u jagħlqu l-passaġġ għall-blokka. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li r-residenti għandhom jkollhom aċċess liberu għall-blokka. Is-Sindku talbet lill-Kunsillier VB sabiex jieħu din il-materja f'idejh.

35.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie informat b'skema ta' ingaġġ ta' community steward għal trattament xieraq tal-annimali. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob iktar informazzjoni dwar din l-iskema.

35.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Young Stars Hockey Club fejn offrew lill-Kunsill sabiex jorganizza attività b'mod konġunt miegħu. Il-Kunsill qabel li jikkontribwixxi sa massimu ta' €450.

35.3.8. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Festivals Malta fejn intalab permess biex tittella' attività fuq il-Fosos bejn il-15 t'April 2022 u t-3 ta' Ġunju 2022. Is-Sindku nformat li l-attività kienet ser taħbat fi żmien il-festa ta' San Publju u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinformahom sabiex jipproponu ġranet oħra.

35.3.9. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand resident dwar il-cat cafés ta' maġenb Ġnien l-Argotti li qal li huma infestati bil-bergħud. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-cat feeders dwar il-linji gwida li hemm bżonn jiġu kjarifikati biex il-Kunsill ikun jista' jirregola min-naħa tiegħu.

35.3.9.1. Il-Viċi Sindku GD staqsiet min jieħu ħsieb it-tindif taż-żoni. Is-Sindku wieġbet li ma taħsibx li l-cat feeders jieħdu gost jekk il-Kunsill imur inaddaf dawn iż-żoni u filfatt dejjem kienu huma li ħadu ħsieb it-tindif. Hija żiedet tgħid li sa dakinhar qatt ma kien hemm ilmenti ta' dan it-tip. L-ASE qal li minkejja dan, ladarba l-cat cafés kienu f'post pubbliku, allura dawn kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

35.3.9.2. Il-Kunsilliera JP qalet li jeżisti prodott li jista' jintuża kontra l-insetti u jservi ta' pestiċida. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx minħabba li jaf ikun ta' detriment għall-qtates u li ma jieħdux gost bih il-cat feeders.

35.3.10. Is-Sindku ressqet talba mingħand residenti sabiex Triq l-Isqof Mauro Caruana, il-parti bejn Triq il-Miratur u Triq is-Suq, issir triq pedonali. Huma qalu li xi ftit taż-żmien ilu kienu ġew mgħarfa li kien hemm proposta li din issir pedonali iżda qatt ma kien reġa' ssemma xejn.

35.3.10.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jivverifika mal-minuti sabiex isib iktar informazzjoni dwar din il-proposta.

35.3.10.2. Il-Kunsillier JAE propona wkoll li f'każ li jkun hemm qbil, il-Kunsill jagħmel eżerċizzju hu stess mar-residenti ta' din il-parti tat-triq.

35.3.10.3. Is-Sindku qalet li tali kunsiderazzjoni tkun qed issir mingħajr preġudizzju għal toroq oħra. Il-Kunsill qabel.

35.3.10.4. Il-Kunsillier VB qal li l-Kunsill għandu jara wkoll jekk ikunx hemm approvazzjoni mill-awtoritajiet konċernati.

35.3.11. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li l-LESA kienet approvat l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jingħata fondi għal xiri ta' vettura elettronika. Il-Kunsill innota dan bi pjaċir. Is-Sindku nformat li kienet ser tittella' attività żgħira bħala preżentazzjoni uffiċjali mingħand l-Onor. Ministru Byron Camilleri.

35.3.12. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-impjegat tal-RSSL fejn irringrazzja lill-Kunsill tal-bonus mogħti lilu għall-performance tiegħu matul is-sena 2020.

35.3.13. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill li ma setgħux jinħarġu permessi għal big screens minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

35.3.14. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-ERA fejn informaw lill-Kunsill b'avviż legali SL 549.63 li jemenda r-regolamenti tal-iskart fejn kunsilli lokali għandhom jallokaw spazju għal recycling points skond in-numru ta' residenti fil-lokalità. Huma talbu lill-Kunsill jipprovdi lista ta' recycling points li jeżistu fil-lokalità.

35.3.15. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand is-sid tal-gabbana fejn talab lill-Kunsill jarma fustun mad-dawra taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

35.3.16. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 16 ta' Ġunju 2021 kienet ser issir l-inawgurazzjoni tal-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V f'nofsinhar. Hija qalet li għal din l-inawgurazzjoni kien ser ikun mistieden l-Onor. Ministru Aaron Farrugia u kienet talbet ukoll lill-Arċipriet tal-lokalità sabiex ibierek dan il-proġett. Hija ħadet l-opportunità sabiex għal darboħra terġa' tiftaħ l-istedina lill-kunsilliera kollha.

## 35.4 RAPPORTI

35.4.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 35.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

35.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-pots ta' Pjazza Robert Samut u staqsa jekk kienx ser jinżergħu xi pjanti. Huwa qal idealment jinżergħu pjanti li jkunu tas-sena kollha u mhux ta' staġjun wieħed. Is-Sindku qalet li għandu jieħu ħsieb il-kuntrattur.

35.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal-laqgħa li kienet inżammet mal-Ministru Herrera dwar il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos. Huwa staqsa jekk kienx hemm risposta. Is-Sindku wieġbet li sa dakinhar ma kienx għad hemm żviluppi u għalhekk il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira.

35.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-funtana ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi. Is-Sindku qalet li fil-jiem li ġejjin, il-ħaddiem manwali ser ikun qed idurha biex jassigura li din tkun funzjonabbli għaż-żminijiet tas-Sajf.

35.5.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għax-xogħol li għaddej fi Triq Sant'Anna ħdejn il-funtana tal-Iljun u staqsa jekk hemmx indikazzjoni kemm kien ser idum dan ix-xogħol. Is-Sindku qalet li jidher li kien hemm xi problemi li kienu qed jieħdu ħsiebhom l-awtoritajiet sabiex jissolvew malajr kemm jista' jkun.

35.5.5. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar il-punti li ġew diskussi fil-laqgħa mal-Pulizija. Is-Sindku qalet li l-leaflet li kien propost mill-Pulizija kien intbagħat għall-istampar u għandu jibda' jitqassam mill-ħaddiema tal-Kunsill bieb bieb. L-ASE qal li kien ser jitqassmu 2 leaflets, wieħed bl-iskeda tal-ġbir ta' skart ta' kuljum u nota lir-residenti mill-Pulizija tal-komunità u l-Kiunsill Lokali, u ieħor li jinkludi nformazzjoni dwar il-ġbir ta' skart goff (bulky) u nota dwar l-ikel

tal-ħamiem u qtates f'postijiet pubbliċi; dan minħabba li s-surġent kien prefera li jkunu żewġ leaflets separati.

## 35.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

35.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 35.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

35.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 24/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

35.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 35.8 Premju Jum il-Floriana u Ġieħ il-Floriana

35.8.1. Is-Sindku DSH qalet li grazzi għar-rilaxx ta' wħud mill-miżuri relatati mal-pandemija, issa setgħu isiru attivitajiet b'mod kontrollat. Għalhekk hija pproponiet li l-Kunsill jorganizza l-attività ta' Jum il-Floriana nhar il-21 ta' Lulju 2021 fis-7.30pm. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li din l-attività ssir fi Ġnien l-Argotti ħalli anke ssir fil-beraħ.

35.8.2. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ċirkolari lill-għaqdiet li tiġi ċirkolata mal-Kunsilliera wkoll biex kulħadd ikun informat.

35.8.3. Il-Kunsillier VB staqsa jekk hux ser ikun hemm ġurija għall-premjijiet. Is-Sindku qalet li normalment il-ġurija tkun komposta minn membri tal-għaqdiet.

35.8.4. Il-Viċi Sindku GD qalet li kien imissu jsir xi entertainment ladarba l-mistednin xorta kienu ser ikunu bilqegħda. Il-Kunsill qabel u qabel li għandu jesplora l-alternattivi. Il-Kunsillier JAE qal li wieħed irid joqgħod attent biex ma jaqbiżx il-ħin massimu li tista' ddum l-attività. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja eżatt kif inhuma d-direttivi.

## 35.9 Ħidma tal-Kunsilliera

35.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li in viżta tal-fatt li kemm hi kif ukoll il-Kunsillier JAE kienu ser ikunu kandidati għall-elezzjoni ġenerali, tħoss li l-midja soċjali għandha mill-għada tgħaddi lill-ASE sabiex tkun tista' tiġi amministrata minnu. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li għandu jingħata aċċess lill-Viċi Sindku GD.

## 35.10 Punti mil-laqgħa tal-Community Police

35.10.1. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għal dak li ġie diskuss matul l-aħħar laqgħa inkluż il-materja tal-kamera tas-sigurtà, xi bżonnijiet li nistgħu inżidu u xi affarijiet li kienu qed isiru preżentement min-naħa tal-Pulizija.

35.10.2. Is-Sindku nformat li kienet ġiet avviċinata mill-Pulizija biex tiġi organizzata l-Clean Up Day u hi kienet pproponiet li tiġi koordinata clean up mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Hija nformat li ser tinforma l-Kunsill appena tingħata risposta.

## 35.11 Dogs Park

35.11.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi nformat lill-Kunsill li l-Lands Authority kienet informat li ż-żona kienet taqa' taħt il-Gvern Ċentrali.

35.11.2. Hija qalet li għalhekk kienet ser titlob laqgħa mal-Ministru Onor. Silvio Schembri kemm dwar din il-proposta kif ukoll dwar l-ispejjeż li l-Kunsill għamel fid-Dar tal-Kunsill.

35.11.3. Hija qalet li wara il-Kunsill ikun jista' jikkordina wkoll mal-Ministru l-Onor. Anton Refalo sabiex jiġu diskussi l-proċeduri tagħhom. Hija qalet li għandha tinforma lill-Kunsill ladarba tingħata appuntament għal-laqgħa.

## 35.12 Skema LESA 2020

35.12.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kienu qegħdin jitwaħħlu l-information panels kif ukoll il-mapep proposti minnha f'laqgħat preċedenti. Hija qalet li l-Kunsill kien ukoll talab rimbors għal din l-iskema.

35.12.2. Is-Sindku qalet ukoll li ma tieħux gost li ċertu skemi u posts jiġu poliċizzati u temmen li l-Kunsill għandu jibqa' jaħdem għall-ġid tal-lokalità u jżomm newtrali fil-ħidma tiegħu biex tittejjeb il-lokalità. Hija qalet li tul dawn l-aħħar tmien snin tagħha fil-Kunsill l-aġenda tagħha dejjem kienet ta' kulur aħdar, u favur il-lokalità u temmen li l-aġenda tal-kunsilliera m'għandix tiġi poliċizzata b'kulur jew ieħor iżda għandha tkun dejjem ta' kulur aħdar.

## 35.13 Talba għal Motorcycle Bay

35.13.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal talba biex isir spazju għal mutur fi Triq il-Miratur, il-parti li tagħlaq. Hija qalet li min-naħa tagħha kienet ser tressaq din it-talba lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li fejn issir ma tostakolax il-ħruġ ta' garaxxijiet u ssir skont ir-rekwiżiti tas-soltu.

35.13.2. Is-Sindku nformat ukoll li l-parkeġġ li kien riservat għal persuna b'diżabbiltà seta' jitneħħa minħabba li sfortunatament din il-persuna kienet ħalliet din id-dinja u għalhekk għandha tinforma lil Transport Malta dwar dan ukoll. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

### 35.14 XOGĦOLIJIET FI TRIQ IL-MIRATUR U TRIQ SAN TUMAS

35.14.1. Il-Kunsillier VB qal li meta ingħata t-tarmac fi Triq il-Miratur, kien ingħata iktar għoli mill-bankini u fit-tarf ħallew gandott li sar b'mod xejn pjaċevoli. Huwa sostna li l-Kunsill għandu jassigura li ma jerġax jiġi ripetut dan l-iżball għax meta t-tarmac ikun iktar għoli mill-bankina, l-ilma tax-xita kien qed jiġi kollu ġol-kantini tan-nies. Is-Sindku nnotat dan u qalet li kienet informata li t-triq kellha titbaxxa u li nfetħu l-culverts tat-triq.

35.14.2. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq San Tumas kien ġie konkluż għajr xi toqob tal-arbli tal-festa li grazzi għall-kuntrattur, kienu reġgħu infetħu biex ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-festa.

35.14.3. Is-Sindku nformat li kienu saru wkoll covers biex jingħalqu t-toqob tal-festa kemm fi Triq il-Miratur kif ukoll fi Triq San Tumas. Hija nformat li l-Arċipriet kien bagħat ir-ringrazzjament tiegħu dwar dan.

35.14.4. Is-Sindku qalet ukoll li Triq il-Miratur kienet bdiet titqaxxar u fil-jiem li ġejjin ser tiġi konkluża wkoll. Hija qalet li kienet ikkjarifikat mal-kuntrattur li ma riditx li tinbeda' triq qabel ma tispiċċa oħra u dan biex kemm jista' jkun jiġu minimizzati l-inkonvenjenzi għar-residenti.

35.14.5. Il-Kunsillier VB staqsa jekk il-covers kienux ser ikunu tal-ħadid. Huwa qal li l-għotjin għandhom jintrabtu mal-arblu biex ma jinkisrux u anke biex ma jkunx hemm inċidenti. Is-Sindku qalet li għandha tinforma lill-Arċipriet.

### 35.15 ĠENNA TA' ĠONNA

35.15.1. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jibda' jaħseb għall-organizzazzjoni ta' din l-attività.

35.15.2. Il-Kunsill qabel li għandu jibda' jaħdem fuq din l-attività minkejja l-limitazzjonijiet preżenti.

35.15.3. Il-Viċi Sindku GD qalet li tista' tiġi kunsidrata attività seated.

35.15.4. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jara min hu interessat mingħajr ma neskludu xejn in viżta tar-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

### 35.16 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

35.16.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.55pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis l-1 ta' Lulju 2021 fis-1.30pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Davina Sammut Hili<br>Sindku | Malcolm Agius<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |